# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-22 ta' Frar, 2002**

**Numru 8**

**Avviz numru 52/02DM**

**United Acceptances Finance Limited**

**vs**

**Carmel Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' elfejn, mitejn hamsa u disghin liri maltin (Lm2,295) import ta' kambjali accettati u ffirmati, kopji ta' liema kambjali jinsabu hawn annessi u mmarkati minn dokument '1' sa '15', liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante li gie interpellat

sabiex ihallas.

Bl-imghaxijiet mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha nkluzi tal-ittri ufficjali kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici;

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lil John Portelli rapprezentant tal-kumpanija attrici u rat id-dokumenti esebiti, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma, u il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' elfejn mitejn hamsa u disghin lira (Lm2295) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala kontra l-konvenut; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

A. Farrugia
Dep.Reg.

va

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 22 ta' Frar, 2002**

**Numru 8**

**Avviz numru 52/02DM**

**United Acceptances Finance Limited**

**vs**

**Carmel Azzopardi**

**John Portelli prodott mill-kumpanija attrici bil-malti bil-gurament jghid:**

Jiena nikkonferma bhala Manager tal-kumpanija attrici illi l-konvenut ghadu debitur tal-kumpanija fis-somma ndikata fl-avviz ta' elfejn mitejn u hamsa u disghin lira (Lm2,295) l-import tal-kambjalijiet illi kopji taghhom jinsabu esebiti mal-process. Sa llum ma ghamel l-ebda pagament akkont.

Din hija s-sustanza tax-xhieda ta' John Portelli dettata fil-presenza tieghu.

Magistrat

Niddikjara li traskrivejt fis-sewwa u fedelment u skond l-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-tape.

V. Attard

Traskrittrici